REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 93/2008

tal-31 ta' Jannar 2008

dwar l-irtirar ta' sospensjoni temporanja tar-reġim ta' bla dazju għas-sena 2008 għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti oġġetti li joriġinaw min-Norveġja li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/859/KE tal-25 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja fuq il-Protokoll 2 għall-Ftehim bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Il-Protokoll 2 għall-Ftehim bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ([3]), u l-Protokoll 3 għall-Ftehim taż-ŻEE ([4]), jiddeterminaw l-arranġamenti kummerċjali għal ċerti prodotti agrikoli u prodotti agrikoli proċessati bejn il-Partijiet Kontraenti.

(2) Il-Protokoll 3 għall-Ftehim taż-ŻEE, kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 138/2004 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ([5]), jipprovdi għal dazju żero li huwa applikabbli għal ċerti tipi ta' ilma li fihom zokkor miżjud jew ħlewwa oħra jew togħma, ikklassifikati taħt il-kodiċi NM 2202 10 00 u ċerti xarbiet oħra mhux alkoħoliċi li fihom iz-zokkor, ikklassifikati taħt il-kodiċi NM 2202 90 10.

(3) Id-dazju żero fuq l-ilma u xarbiet oħra kkonċernati ġie sospiż temporanjament għan-Norveġja mill-Ftehim f'għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-Protokoll 2 għall-Ftehim bilaterali dwar il-kummerċ ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ([6]), minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim", approvat mid-Deċiżjoni 2004/859/KE. Skond il-punt IV tal-Minuti Miftehma tal-Ftehim, importazzjonijiet eżenti mid-dazju ta' oġġetti tal-kodiċi NM 2202 10 00 u ex 2202 90 10 li joriġinaw min-Norveġja għandhom – bħala prinċipju - jiġu permessi biss fil-limiti ta' kwota ta eżenzjoni mid-dazju, filwaqt li għandu jitħallas id-dazju fuq importazzjonijiet lil hinn mill-allokazzjoni tal-kwota.

(4) Skond statistika pprovduta mill-Kummissjoni, il-kwota annwali għas-sena 2007 għall-prodotti kkonċernati li nfetħet mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1798/2006 ([7]) ma ġietx eżawrita fil-31 ta' Ottubru 2007. Skond il-Punt IV tal-Minuti Miftehma tal-Ftehim il-prodotti kkonċernati għandhom jingħataw aċċess illimitat bla dazju għall-Komunità mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

(5) Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi rtirata s-sospensjoni temporanja tar-reġim ta' bla dazju li ġiet applikata taħt il-Protokoll Nru 2.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija għal kwistjonijiet orizzontali li jikkonċernaw il-kummerċ ta' prodotti proċessati mhux elenkati fl-Anness I għat-Trattat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għall-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008, is-sospensjoni temporanja tar-reġim ta' bla dazju li ġiet applikata taħt il-Protokoll Nru 2 għall-ftehim bilaterali dwar il-kummerċ ħieles għal oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċi NM 2202 10 00 (ilma, inkluż ilma minerali u ilma bil-gass, li jkun fihom zokkor miżjud jew ħlewwa oħra jew togħma) u ex 2202 90 10 (xarbiet oħra mhux alkoħoliċi li fihom iz-zokkor (sukrożju jew zokkor invertit)) għandha tiġi rtirata.

2. Ir-regoli ta' l-oriġini applikabbli reċiprokament għall-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu kif stipulat fi Protokoll 3 għall-Ftehim bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja.

([1]) ĠU L 318, 20.12.1993, p. 18. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, 25.11.2000, p. 5).
([2]) ĠU L 370, 17.12.2004, p. 70.
([3]) ĠU L 171, 27.6.1973, p. 1.
([4]) ĠU L 22, 24.1.2002, p. 37.
([5]) ĠU L 342, 18.11.2004, p. 30.
([6]) ĠU L 370, 17.12.2004, p. 72.
([7]) ĠU L 341, 7.12.2006, p. 24.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 31 ta' Jannar 2008.

Għall-Kummissjoni
Günter VERHEUGEN
Viċi President